MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 554/2011

**Eric Abdilla 423378 (M), Patrick Abela 385369 (M), Josephine Agius 537778 (M), Therese Allman 565860 (M), Natasha Apap 6977 (G), Doris Aquilina 532656 (M), John Aquilina 329079 (M), Joseph Aquilina 471376 (M), James Attard 398159 (M), John Anthony Azzopardi 273275 (M), Manuel Azzopardi 9061 (G), Franco Bajada 24276 (G), Rosario Bajjada 47561 (G), Emanuel Baldacchino 41783 (M), Natasha Baldacchino 334978 (M), Pierre Balzan 287677 (M), Rodney Barbara 136179 (M), Sarah Bezzina 295277 (M), Anthony Bezzina 4563 (G), Kevin Bongailas 438876 (M), Ronnie Borg 527278 (M), Mary Brincat 15665 (M), Jurgen Bugeja 378676 (M), Rita Bugeja 122559 (M), Lorraine Bugeja 26878 (G), Gordon Busuttil, Joseph Calleja 240762 (M), Mario Camilleri 351275 (M), Rosario Camilleri 519763 (M), Peter Paul Camilleri 25075 (G), Marthese Carabott 166568 (M), Michael Carabott 61762 (M), Grezzju Caruana 20377 (G), Claudio Cassar 515575 (M), Marvin Lee Cassar 368078 (M), Godwin Catania 216177 (M), Tuse' Cauchi**

**785553 (M), Elizabeth Cherrett 255970 (M), Joseph Cini 1875 (G), Franco Costa 11670 (G), Leonard Cutajar 557278 (M), Aaron Cutajar 271875 (M), Sharon Delceppo 65473 (M), Yevgeny Desira 126674 (M), Gigliola Dingli 46877 (M), Carmele Ellul 248977 (M), Lilian Ellul 554058 (M), Carmelo Farrugia 63177 (M), Patrick Farrugia 570678 (M), Silvio Farrugia 478277 (M), Elaine Farrugia 557478 (M), Mario Fenech 50264 (G), Renato John Fenech 81873 (M), Marvin Fenech 4179 (G), Louis Ferriggi 399677 (M), Arthur Galea 233669 (M), David Galea 19470 (M), Brian Gatt 577092 (M), Mario Gauci 576876(M), Miriam Gauci 207275 (M), Nadia Lia 508276 (M), Isabel Mallia 558778 (M), Joseph Mallia 136574 (M), Mark Mangion 516678 (M), Lucienne Markham 275478 (M), Graziella Mercieca 24576 (G), Charmaine Mifsud 467679 (M), Joanne Mifsud 271278 (M), Leonard Mifsud 391262 (M), Patrick Mifsud 305273 (M), Victor Mintoff 33276 (G), Paul Mula 111275 (M), Stephen Muscat 282377 (M), Jason Pisani 217076 (M), Sylvia Pisani 304492 (M), Joseph Piscopo 39660 (G), Joseph Polidano 368257 (M), Rudolph Polidano 385578 (M), Laura Pulis 38457 (M), George Sacco 24575 (G), Maria Saliba 565578 (M), Simon Saliba 25178 (G), Carmen Schembri 290868 (M), Lorainne Sciberras 490878 (M), Mariella Sciberras 278675 (M), Joseph Scicluna 83971 (M), Patrick Slattery 331761 (M), Noel Spiteri 26770 (M), Marvic Spiteri 24478 (G), Johann Tabone 119178 (M), Joseph Vassallo 413378 (M), Ian Vella 500778 (M), Karl Jacob Vella 255076 (M), Christopher Vella 4177 (G), Steve Vidal 197266 (M), Martin Xuereb 11373 (G), Louis Zahra 27677 (G), Claudio Zammit 371178 (M), Consiglio Zammit 197678 (M), Jesmond Zerafa 255066 (M), u Mark Zerafa 575477 (M)**

**Vs**

**Id-Direttur Generali (Ufficcju tar-Rizorzi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika) u t-Tabib Principali tal-Gvern**.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-10 ta' Gunju 2011, l-attur ppremettew li:-
Huma lkoll impjegati bħala Nursing Aides fis-servizz pubbliku taħt ir-responsabbilta' diretta tal-intimati;

Permezz ta' skrittura privata datata 13 ta' Awissu 1996 (Dok. EA1), l-konvenuti waslu fi ftehim mal-General Workers' Union dwar miżuri temporanji li jirregolaw xi kundizzjonijiet tax-xogħol ta' impjegati fil-qasam tan-nursing. Fost affarijiet oħra dan il-ftehim ipprovda li:

3.2.2 *A Nursing Aide will enter at Scale 15 and proceed to Scale 14 on completion of five years service in the grade.*
3.2.3 *Employees who at the time of signing of this document hold appointment as Health Assistants, and are appointed Nursing Aides in terms of the Agreement signed between the Government, The General Workers Union and the Union Haddiema Maghqudin on the 5th May 1993 will,* ***on a personal basis****, be allowed to proceed to Salary Scale 13 on completion of five years service as Nursing Aide in Scale 14.*
L-atturi ġew ingaġġjati wara l-iffirmar ta' l-imsemmi ftehim u għalhekk ġew preklużi milli javvanzaw għal Skala salarjali 13 filwaqt li impjegati oħra li wkoll jagħmlu x-xogħol ta' Nursing Aides ma għandhomx tali restrizzjoni u għalhekk avvanzaw liberament għal Skala salarjali 13;

Bid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta), u senjatament l-artikolu 27 ta' l-istess Att, impjegati fl-istess klassi ta' impieg ingħatalhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali;

Illi l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmija skrittura privata tat-13 ta' Awissu 1996 huma anqas favorevoli ghall-atturi minn dawk speċifikati fil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'effett tal-artikolu 42 tal-istess Att, huwa d-dritt għal remunerazzjoni ugwali li għandu jipprevali fuq ir-restrizzjonijiet imposti fuq ir-rikorrenti bl-imsemmija iskrittura;

Illi tali distinzjoni bejn l-impjegati hija għalhekk illegittima u abbużiva u għandha l-konsegwenza li tippreġudika direttament lill-atturi kif ukoll li tikkawżalhom danni;

Illi l-atturi sejħu lill-konvenuti, anke uffiċjalment, sabiex jippermettu l-avvanz tagħhom għal Skala 13 tas-Servizz pubbliku b'mod retroattiv għal meta tali avvanz kien dovut u inoltre, interpellawhom sabiex jgħaddu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens ossia danni sofferti minnhom bl-aġir u nuqqasijiet imsemmija, liema danni *inter alia* jinkludu d-differenza fis-salarji bejn Skala 14 u Skala 13 li r-rikorrenti ma rċevewx minħabba l-aġir abbużiv tal-konvenuti;

Illi minkejja tali interpellazzjonijiet l-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti, jew min minnhom, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex għar-raġunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tkun neċessarja:

1. Tiddikjara li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmija skrittura privata tat-13 ta' Awissu 1996 huma anqas favorevoli għall-atturi minn dawk speċifikati fil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'effett tal-artikolu 42 tal-istess Att, huwa d-dritt għal remunerazzjoni ugwali li għandu jipprevali fuq ir-restrizzjonijiet imposti fuq l-atturi bl-imsemmija skrittura;
2. Tiddikjara li d-distinzjoni bejn l-impjegati li jagħmlu x-xogħol ugwali ta' Nursing Aides hija illegittima u abbużiva;
3. Tiddikjara li l-atturi għandhom jedd li javvanzaw għal Skala salarjali 13 tas-Servizz pubbliku b'mod retroattiv u għal dan il-għan tistabbilixxi d-data minn meta kull wieħed mir-rikorrenti għandu jkun meqjus li avvanza għall-imsemmija Skala salarjali;
4. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għat-telf ta' qliegħ li l-atturi sofrew minħabba r-rifjut tal-konvenuti li jippermettulhom l-avvanz għal Skala salarjali 13;

5. Tillikwida kumpens għat-telf ta' qliegħ soffert mill-atturi, rappreżentanti d-differenza fis-salarji bejn Skala 14 u Skala 13, li r-rikorrenti ma rċevewx minħabba l-aġir illeġittimu u abbużiv tal-konvenuti;
6. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-atturi il-kumpens hekk likwidat.

<u>Risposta Guramentata **tad-Direttur Generali (Ufficcju tar-Rizorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika) u tat-Tabib Principali tal-Gvern.**</u> Permezz tal-ewwel tlett eccezzjonijiet il-konvenuti eccepew li
1. Illi preliminarjament, id-Direttur Generali esponenti mhuwiex il-legittimu kontradditur ghall-azzjoni odjerna u dan peress illi l-funzjoni li kienet tappartjeni lilu ghaddiet ghand il-Public Administration Collective Bargaining Unit fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi.
2. Illi preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' fondament legali ta' l-azzjoni stante l-inapplikabilita' ta' l-Artikolu 27 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta) ghall-persuni impjegati fis-servizz pubbliku.
3. Illi preliminarjament ukoll, in nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti in kwantu r-rikorrenti qed jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi huma ghandhom javvanzaw fi skala salarjari 13 meta tali funzjoni tispetta lil Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2011 il-qorti ordnat li kellhom l-ewwel jigu trattati u tinghata sentenza fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet.
Il-qorti rat l-atti, inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.
F'din il-kawza l-atturi, li huma mpjegati bhala *nursing aides*, qeghdin jilmentaw li kundizzjonijiet ta' impjieg introdotti wara li fit-13 ta' Awissu 1996 sar ftehim bejn il-General Workers Union u l-Gvern, ma japplikawx ghalihom. Permezz ta' dak il-ftehim gie miftiehem li nursing aide jibda minn skala 15 u wara 5 snin ta' impjieg jidhol fi skala 14. Inoltre, jinghad li min fit-13 ta' Awissu 1996 kien jokkupa l-kariga ta' Health Assistant u jinghata

l-kariga ta' Nursing Aide bis-sahha ta' ftehim iffirmat fil-5 ta' Mejju 1993 bejn il-General Workers Union, Union Haddiema Maghqudin u l-Gvern, *"......will, on a personal basis, be allowed to proceed to Salary Scale 13 on completion of five years service as Nursing Aide in Scale 14."*.
L-atturi ddikjaraw li huma kollha gew impjegati wara l-ftehim tal-5 ta' Mejju 1993 u ghalhekk m'ghandhomx l-opportunita li jitilghu ghal skala 13 ghal dak li jikkoncerna s-salarju.
L-atturi jsostnu li:-
i. Permezz tal-Artikolu 27 tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) impjegati li jaghmlu l-istess xoghol ghandhom jinghataw l-istess rimunerazzjoni.
ii. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim tat-13 ta' Awissu 1996 huma inqas favorevoli ghall-atturi kontra dak li jipprovdi Kapitolu 452. In forza tal-Artikolu 42 id-dritt ghal rimunerazzjoni ugwali ghandha tipprevali fuq dak li gie pattwit fil-ftehim.
Mir-rikors guramentat hu evidenti li l-atturi qeghdin jibbazaw l-ilment taghhom fuq l-Aritkolu 27 u 42 tal-Kap. 452 u jsostnu li d-distizjoni li hemm bejn Nursing Aides impjegati wara l-ftehim tat-13 ta' Awissu 1996 u dawk impjegati qabel, jikser il-ligi. Hu f'dan il-kuntest li qeghdin jippretendu li jinghataw rimedju.
L-Artikolu 27 tal-Kap. 452 jipprovdi:-
*"Impjegati fl-istess klassi ta' impieg ghandhom id-dritt ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni ghal xoghol ta' valur ugwali:*
*B'dan illi principal u haddiem jew union ta' haddiema b'rizultat ta' negozjati ghal ftehim kollettiv jistghu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, zidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xoghol ohra differenti ghal haddiema li jkunu impjegati fi zminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlahaq wara zmien stabbilit; u*

*B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impieg ibbazata fuq trattament diskriminatorju mod iehor milli skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi ligi ohra tkun nulla u bla effett."*.

L-Artikolu 42 jipprovdi:-

*'Jekk mhux f'kaz kif provdut xort'ohra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-principal tieghu jew ftehim kollettiv bejn il-principal u r-rapprezentanti maghrufin ta' l-union, jipprovdi ghal xi kondizzjoni ta' impieg, inkluzi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi jew taht l-Att, dawn ghandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli ghall-impjegat kien hemm imdahhla l-kondizzjonijiet specifikati fi jew taht dan l-Att:'*.

Ghal dik li hi l-ewwel eccezzjoni, id-dikjarazzjoni guramentata li ghamlet Dr Natasha Azzopardi permezz tat-twegiba guramentata, m'hijiex sufficjenti. Fl-att jinghad li din il-persuna tokkupa l-kariga ta' Tabib Principali tal-Gvern. Ghalhekk il-konvenut l-iehor, **Id-Direttur Generali (Ufficcju tar-Rizorzi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika),** kellu jressaq prova in sostenn tal-eccezzjoni li l-funzjoni ghaddiet fi hdan il-Public Administration Collective Bargaining Unit. Prova li baqghet ma saritx. Fic-cirkostanzi l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda.

Jidher li l-atturi gew kollha impjegati nursing aides wara l-ftehim tat-13 ta' Awissu 1996. Huma nghataw biss id-dritt li javanzaw minn skala 15 ghal skala 14. Hemm imbaghad grupp li kienu impjegati mal-Gvern qabilhom, li bis-sahha tal-ftehim tat-13 ta' Awissu 1996 inghataw l-opportunita li minn skala 15 jitilghu ghal skala 13 wara li jaghmlu hames snin fl-iskala 14. Ghalhekk jidher li hemm zewg gruppi ta' nursing aides, grupp qieghed fi skala 13 u l-grupp l-iehor (fosthom l-atturi) qieghed fi skala 14.

Bejn il-partijiet m'hemmx kontestazzjoni li l-atturi huma impjegati tal-Gvern. L-Artikolu 84 tal-Kap. 452 jipprovdi:-

*"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, u bla pregudizzju ghad- disposizzjonijiet specjali li jinsabu fih dwar ufficjali pubblici, id-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, barra mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 69 u 72 u mid-disposizzjonijiet dwar it-tkeccija jew tmiem ta' impieg, ghandu jkollhom effett dwar impieg mal-Gvern u ghal*

*haddiema li huma impjegati tal-Gvern kif ghandhom effett dwar impieg iehor u haddiema ohra. Id-disposizzjonijiet eskluzi b'dan is-subartikolu ma japplikawx ghal impjegati tal-Gvern hlief kif jista' jkun provdut bis-sahha ta' l-artikolu 48(1).".*

Dwar il-provvediment li hemm f'Titolu I tal-Att (fosthom l-Artikoli 27 u 42) ma jinghad xejn. L-argument tal-Gvern hu li gialadarba m'hemmx provvediment *ad hoc* li jghid li l-provvediment f'Titolu I ghandu jkollhom effett dwar impieg mal-Gvern, allura ma japplikawx ghall-impjegati tal-Gvern.

Fil-fehma tal-qorti l-provvediment li hu rilevanti hu l-Artikolu 469A(6) tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

*'(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu,* ***u ta' kull disposizzjoni oħra*** *ta' din il-liġi u* ***ta' kull liġi oħra****, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'disposizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern,* ***u ebda liġi jew disposizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra.****'*.

Jidher ghalhekk li b'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, sabiex il-provvediment ta' Titolu I tal-Kap. 452 japplikaw ghall-impjegati tal-Gvern, jehtieg ikun hemm provvediment *ad hoc* li jaghmel Titolu I jew partijiet minnu applikabbli. Ma jidhirx li jezisti xi provvediment simili. Ghalhekk l-Artikolu 27 u 42 tal-Kap. 452 ma japplikawx ghall-impjegati tal-Gvern. Ghallinqas hekk jidher li hi l-ligi lokali sal-gurnata tal-lum. F'dawn ic-cirkostanzi l-azzjoni tal-atturi tfalli.

B'riferenza ghat-tielet eccezzjoni l-qorti tillimita ruhha biex tghid li ghandha gurisdizzjoni biex tiddikjara dwar jekk il-provvedimenti tal-ligi li fuqhom ibbazaw l-ilment taghhom l-atturi, japplikawx ghalihom. B'daqshekk m'huwiex jigi ssindikat l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-qorti lanqas ma tkun qeghda tiehu xi funzjoni li b'ligi tispetta lill-Kummissjoni. Jekk kien jirrizulta li t-tezi

tal-atturi ghandha mis-sewwa mill-aspett ta' ligi, ifisser li l-atturi kien ikollhom jedd jitilghu fi skala 13. Il-mod kif tigi implimentata decizjoni bhal dik hi kwistjoni ohra.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**2. Tichad it-tielet eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Tilqa' t-tieni eccezzjoni u ghalhekk tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------